IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 58-2018(05_11_18)**

**05 ta' Novembru 2018**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sa Sonja Abela - Sindku
Is-Sinjura Juliet Rose Attard - Viċi Sindku
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier - daħal fil-laqgħa fis-6.20 ta' filgħaxija.
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sa Sonja Abela.

**58.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

58.1.1 Is-Sur Paul Curmi bagħat *sms* li ser jittardja u wasal fil-laqgħa fis-6.20 ta' filgħaxija.

**58.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

58.2.1 Il-Kunsill għadda għall-Minuti tal-laqgħat preċidenti numri 56-2018(12_09_18) u 57-2018(31_10_18) li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk, wara dawn il-Minuti ġew emendati u approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**58.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

58.3.1 Fir-rapport tagħha, is-Sindku tat rendikont tal-attivitajiet li saru fil-Munxar. Fl-20 ta' Settembru 2018 sar *Keep Fit Gymnastics* fiċ-Ċentru Parrokkjali, Il-Munxar. Saret ukoll *November Sports Fest* organizzata mill-Gozo Sports Board u l-Ministeru għal Għawdex.

Is-Sindku tat rendikont ukoll tal-laqgħat li kellha.
Fis-26 ta' Settembru 2018, is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-Awtorità tal-Ippjanar filwaqt li fl-4 ta' Ottubru 2018 flimkien mal-Kunsillier Juliet Rose Attard kellhom laqgħa mal-Ministru l-Onor. Dr Josè Herrera, Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima. Fil-15 ta' Ottubru 2018 saret laqgħa mar-residenti tal-Munxar fiċ-Ċentru Parrokkjali fil-Munxar dwar il-proposta għall-permess tad-demmiela fil-Munxar u mbagħad il-Kunsill attenda, u organizza trasport għal dawk li xtaqu jattendu, għall-*hearing* f'Malta li sar fl-1 ta' Novembru 2018. Fis-27 ta' Ottubru 2018 is-Sindku attendiet għal-laqgħa fil-Lukanda Dolmen dwar il-*White Paper* u fil-31 ta' Ottubru 2018 is-Sindku attendiet ukoll għal-laqgħa tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali għas-Sindki, Kunsillieri u Segretarji Eżekuttivi dwar il-ftehim tal-ħaddiema tal-Iskema Community Workers Scheme Enterprise Foundation.

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li fis-16 ta' Ottubru 2018 infetħet *Day Centre* fiċ-Ċentru Parrokkjali, Il-Munxar.

Is-Sindku infurmat ukoll illi ġie ffirmat il-kuntratt mal-Ministeru għal Għawdex sabiex Triq Munxar tinkesa bit-tarmak u l-Kunsill applika sabiex jiġġedded il-permess għat-tindif tal-Wied tax-Xlendi.

Is-Sindku elenkat lista ta' xogħlijiet li kienu saru fil-lokalità.
Fil-Munxar inbidlu l-lanterni li hemm fil-Pjazzetta ta' Triq it-Tnax ta' Diċembru 1957 u saru LED's minħabba li qabel kienu qed jinsterqu l-bozoz minn ġol-lanterni, tnaddaf il-passaġġ li minn Triq San Pawl jagħti għal fuq l-irdumijiet tal-Wied tax-Xlendi u tnaddfu wkoll il-*culverts* tal-ilma tal-Munxar.
Fix-Xlendi sar tindif fit-toroq mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex kif ukoll sar qtugħ tal-ħaxix ħażin, inżabru l-Bruk ta' taħt Triq San Xmun u nqala' l-festun. Il-Kunsill ħallas għall-materjal sabiex isiru *bases* għall-fanali ta' fuq il-moll.

Il-ħin kien is-6.20 ta' filgħaxija u s-Sur Paul Curmi wasal fil-laqgħa.

58.3.2 Is-Sindku pproponiet li tintbagħat ittra lir-residenti dwar id-demmiela fil-Munxar. Il-Proponent kienet is-Sa Sonja Abela u s-Sekondat kienet is-Sinjura Juliet Rose Attard. Is-Sur Joseph Cauchi qabel. Is-Sur Damien Spiteri u s-Sur Paul Curmi ma qablux.

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li saret talba sabiex titwaħħal plakka fejn il-bank li qiegħed qrib il-*kiosk* 'Mille Gusti'. Il-Kunsill ma qabilx.

Is-Sindku ħeġġet lill-membri sabiex jinstabu żewġ persuni sabiex jieħdu sehem fi *Quiz* li qed isir fuq TVM.

Is-Sindku rrakkomandat li l-borża l-griża tibda tinġabar darbtejn fil-ġimgħa minflok darba. Kien hemm qbil dwar dan.

Is-Sindku talbet approvazzjoni sabiex vjaġġ bil-*minibus* li sar meta kien hemm il-funeral tal-*ex*-Sindku Carmen Said jitħallas mill-Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan.

**58.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

58.4.1 Is-Sinjura Juliet Rose Attard semmiet il-bżonn li ssir *zebra crossing* fil-Pjazza tal-Knisja għan-nies li jkunu qed jaqsmu għal fuq iz-zuntier tal-Knisja. Il-perit mar jara fuq il-post u qed jissuġġerixxi li jsiru *traffic lights*. Huwa ser jipprepara l-pjanti u wara ngħadduhom lil Transport Malta.

Is-Sinjura Attard infurmat lill-Kunsill li kienet qed tirċievi diversi lmenti li l-kuntrattur li jiġbor iż-żibel qed iħalli xi boroż mingħajr ma jinġabru. Is-Segretarju Eżekuttiv ser ikellem lill-kuntrattur.

Hija infurmat lill-Kunsill li persuna lmentat li fis-2 ta' filgħodu qed jitbattlu l-fosos tal-*farms* tal-viċinanzi u dan huwa kontra l-liġi. Is-Sindku infurmatha li r-rapport irid isir dak il-ħin li jkun qed jiġri l-każ.

58.4.2 Is-Sur Paul Curmi talab li jsir *patching* fi Triq Munxar, quddiem id-dar numru 19. Kien hemm qbil dwar dan.

58.4.3 Is-Sur Damien Spiteri talab li jsir *double yellow line* fi Triq Żgħawri, Il-Munxar. Kien hemm qbil dwar dan.

Huwa rrefera għall-ilment li kien għamel dwar in-naħal fi Triq il-Kavallieri u għar-risposta li l-Kunsill irċieva mingħand l-ERA. Is-Sindku ssuġġeriet li jekk jinħass li hemm xi periklu, ir-residenti għandhom jirrapportaw lill-Pulizija.

Is-Sur Damien Spiteri reġa' talab li s-siġar tal-Pjazza tal-Knisja jinżabru ġaladarba ma jistgħux jinqatgħu zokk.

Huwa fakkar li t-talba tiegħu sabiex isir *bus shelter* għadha pendenti. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-*bus shelters* ġew ordnati f'ordni waħda u għandhom jaslu dalwaqt.

**58.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

58.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li dwar il-proġett tat-Torri tax-Xlendi kien applika għall-*Co-Finance* sabiex il-Kunsill jakkwista fondi li jammontaw għal 20% tal-proġett. It-talba tal-Kunsill ġiet milqugħa u l-allokazzjoni li ser tingħata mill-fond ta' ko-finanzjament għal dan il-proġett tammonta għall-ammont massimu ta' €63,966.87. Il-Kunsill approva li jiġi ffirmat il-kuntratt dwar dan.

58.5.2 Il-Kunsill irċieva r-rapport tar-*Risk Assessment* tal-binja tal-Kunsill ippreparat mill-Inġ. Mario Galea. Minn dan ir-rapport ħareġ il-bżonn li l-Kunsill jagħmel *testing* tal-apparat kollu u li jsir disinn preċiż ta' fejn għandhom isiru l-*fire detectors*. Kien hemm qbil li dawn r-rapporti jintalbu biex isiru mill-Inġ. Mario Galea.

58.5.3 Fuq talba tal-Kunsill, il-Kuntrattur Mario Mallia ħadem stima ta' xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq l-apparat tal-*Playing Area* fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina. L-istima tommonta għal €3,386.60. Kien hemm qbil li dawn ix-xogħlijiet jiġu ordnati.

**58.6 Korrispondenza, ilmenti u rapporti**

58.6.1 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 8/2018 mingħand id-Direttur responsabbli għall-Kunsilli Lokali, Dipartiment għall-Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport) bis-suġġett 'Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart (L.S. 549.43)'.

58.6.2 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru SPI/11/2018 mingħand id-Direttur (Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Ġbir ta' Informazzjoni dwar id-Devoluzzjoni ta' Siti u Proprjetà Pubblika lill-Kunsilli Lokali'.

58.6.3 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali l-Minuti tal-Laqgħa Plenarja Lulju 2018, tas-7 ta' Lulju 2018 fil-Lukanda Dolmen, Buġibba.

58.6.4 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-*Department of Customer Services, Elderly and Special Needs Section* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward 'Kors tal-Università tat-Tielet Età f'Għawdex 2018-2019'. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex iwassal dan l-avviż lil dawk l-anzjani li jistgħu jkunu interessati u jisponsorja żewġ anzjani li qatt ma kellhom l-okkażjoni li jattendu l-Università tat-Tielet Età.

58.6.5 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand *Nutritionist*, Primary Health Care Department rigward 'Nutrition Talks at Local Councils'. Hija tah aktar informazzjoni dwar din l-inizjattiva u wriet ix-xewqa li tagħmel dawn it-*talks* mill-Kunsill tagħna.

58.6.6 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali l-Minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali Numru 11, tas-27 ta' Awwissu 2018.

58.6.7 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2018/121 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Tħawwil ta' Siġar f'Għeluq il-25 Sena ta' Gvern Lokali 15/11/2018'. Ser jitħawlu 'l fuq minn 70 siġra ġewwa l-Family Park f'Marsascala u l-Kunsill huwa mistieden sabiex ikun preżenti għal din l-attività fil-15 ta' Novembru 2018.

58.6.8 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Moviment Kerygma rigward il-'Premju Żagħżugħ tas-Sena 2018', bil-għan li joħroġ fil-beraħ l-impenn taż-żgħażagħ b'mod Nisrani fis-soċjetà Maltija u hu miftuħ għal dawk iż-żgħażagħ kollha li juru sens kbir ta' impenn fil-ħajja Nisranija tagħhom ta' kuljum u għalhekk ikunu ta' eżempju qawwi għal żgħażagħ oħra. Il-Kunsill ġie mitlub jagħmel in-nomini tiegħu għal dan il-premju prestiġjuż.

58.6.9 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, l-Aġenda tas-77 Laqgħa tar-Reġjun Għawdex tat-22 ta' Ottubru 2018, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 76/2018 kif ukoll l-Iskeda ta' Pagamenti Magħmula Nru 65 u l-Iskeda ta' Pagamenti Nru 66 ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lis-Sindku u lill-Kunsilliera.

58.6.10 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2018/127 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Laqgħa mas-Sindki, Membri tal-Kunsill u Segretarji Eżekuttivi'. Hija tkellmet dwar diversi temi li ser jiġu diskussi f'din il-laqgħa tal-31 ta' Ottubru 2018 ġewwa s-Sala tal-Assoċjazzjoni, Il-Marsa.

58.6.11 Il-Kunsill irċieva ittra u *poster* mingħand l-Aġenzija Sapport rigward *workshops* f'Għawdex għal ġenituri ta' tfal u żgħażagħ taħt it-30 sena b'diżabilità u professjonisti li jaħdmu fil-qasam fuq suġġetti relatati mad-diżabilità li ser isiru fis-16 u 17 ta' Novembru 2018 fil-Grand Hotel, Imġarr, Għawdex. Il-Kunsill intalab jesibixxi l-*poster* f'post prominenti.

58.6.12 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar 'Notifika ta' Avviż Skont l-Art. 97 tal-Att VII tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp'. B'din in-notifika l-Kunsill ġie infurmat illi din l-Awtorità ħarġet Avviż ta' Infurzar minħabba ksur tal-kontroll tal-ippjanar f'sit fi Triq ir-Rabat, Ix-Xlendi minħabba żvilupp mingħajr permess li jikkonsisti minn kostruzzjoni ta' tinda (*canopy*) u tqiegħed ta' mwejjed u siġġijiet.

58.6.13 Il-Kunsill irċieva invit mingħand l-Arkivji Nazzjonali Malta għal 'Lejla ta' Sejbiet' fl-14 ta' Novembru 2018 ġewwa l-Arkivji Nazzjonali fir-Rabat u invit mingħand il-President, Kunsill għall-Arkivji Nazzjonali għal 'Forum Nazzjonali dwar l-Arkivji 2018' fit-13 ta' Novembru 2018 ġewwa l-Mużew Marittimu fil-Birgu.

58.6.14 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru SPI/12/2018 dwar Skema Finanzjarja Favur il-Komunità – Ħajja Aħjar Permezz ta' Eżerċizzju Fiżiku u *Sports*. Din l-iskema ser tiffinanzja 85% tal-ispiża sa massimu ta' €3,000. Ġie deċiż li l-Kunsill jitlob lill-Munxar Falcons FC sabiex jipproponu attività sportiva.

58.6.15 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-go to, il-Car Sharing Service Malta Ltd. Huma qed jipproponu żewġ *parking bays* fi Triq il-Profs. Ġużè Aquilina u *parking bay* waħda fi Pjazza l-Anfori, Ix-Xlendi. Kien hemm qbil dwar dan.

58.6.16 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Birdlife Malta dwar il-Life Arċipelagu Garnija. Huma qed joffru l-għajnuna tagħhom sabiex jitnaqqas il-*light pollution* tax-Xlendi. Huma ppreżentaw dokument dwar dan. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

58.6.17 Il-Kunsill irċieva lment dwar ħmieġ li hemm fil-baħar tal-Kantra u viċin it-Torri tax-Xlendi. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ż-żibel li hemm viċin it-Torri u fil-baħar ġew irrapportati lill-*Beach Cleaners*.

58.6.18 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Allied Health Practitioner Dental Hygienist tal-Gozo General Hospital fejn informa lill-Kunsill li lest jagħti taħdidiet informattivi fuq is-saħħa orali. Il-Kunsill jaqbel ma' din il-proposta.

58.6.19 Il-Kunsill irċieva talba sabiex issir bankina ġdida fi Triq Ta' Rinota, Il-Munxar. Din it-talba ser tiġi rreferuta lis-CMU.

58.6.20 Il-Kunsill irċieva talba sabiex issir bankina ġdida fi Triq Żgħawri, Il-Munxar. Din it-talba ser tiġi rreferuta lis-CMU.

58.6.21 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-kandidat għall-elezzjoni għall-Parlament Ewropew, is-Sur Joe Sammut. Huwa qed jitlob li ssir laqgħa mal-Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan.

58.6.22 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand persuna li għandha proprjetà fi Triq Ras il-Bajjada. Huwa qed jilmenta bil-preżenza ta' ħafna ħamiem selvaġġ fuq il-proprjetà tiegħu. Dawn qed ikunu ta' inkonvenjent u kontra s-saħħa. Il-Kunsill ser jara kif din il-problema tissolva.

58.6.23 Il-Kunsill irċieva kopja ta' *stop notice* li l-Awtorità tal-Ippjanar ħarġet fuq stabbiliment fix-Xlendi. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

58.6.24 Il-Kunsill irċieva pjanta dwar riġenerazzjoni ta' Pjazza l-Anfori, Ix-Xlendi mingħand il-perit tal-Projects and Development Department. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jibgħat in-*No Objection* lill-Awtorità tal-Ippjanar.

58.6.25 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident ta' Triq il-Biżantini, Ix-Xlendi. Huwa qed jilmenta li fuq il-bankina viċin il-proprjetà tiegħu hemm xi ingombru. Huwa qed jitlob sabiex din il-bankina titnaddaf biex ikun jista' jgħaddi minn fuqha. Il-Kunsill kien diġà ħa azzjoni dwar dan l-ilment.

58.6.26 Il-Kunsill irċieva talba sabiex issir rampa fil-bankina quddiem *garage* fi Triq il-Qroll, Ix-Xlendi. Din it-talba ġiet irreferuta lis-CMU.

58.6.27 Il-Kunsill irċieva talba sabiex issir rampa ġo bankina quddiem proprjetà fi Triq Sant'Indrija, Ix-Xlendi. Din it-talba ġiet irreferuta lis-CMU.

58.6.28 Il-Kunsill irċieva talba sabiex issir bankina ġdida quddiem proprjetà fi Triq Tarsu, Il-Munxar. Din it-talba ġiet irreferuta lis-CMU.

**58.9 Sehem il-Kunsill fit-tiżjin tal-Milied**

58.9.1 Bħas-snin l-imgħoddija, il-Kunsill jieħu ħsieb iżejjen xi toroq u l-Pjazza tal-Munxar. Anke fix-Xlendi jsir xi tiżjin. Dan ix-xogħol isir mill-membri tal-Munxar Falcons Football Club u l-Għaqda Żgħażagħ Pawlini Munxarin. Il-membri tal-Munxar Falcons FC ser iżejnu xi toroq fil-Munxar u l-Pjazza tal-Knisja għall-prezz ta' €1,750 u Ix-Xlendi għall-prezz ta' €1,300. Il-membri tal-Għaqda Żgħażagħ Pawlini Munxarin ser iżejnu Triq San Pawl għall-prezz ta' €400.

**58.10 Konċessjoni għall-ġbir ta' Skart Riċiklabbli**

58.10.1 Preżentament din il-konċessjoni qiegħda f'idejn il-Green MT iżda l-kuntratt ser jagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2018. Il-Kunsill kien diġà ppubblika sejħa iżda d-Dipartiment għall-Gvern Lokali talab li din is-sejħa titwaqqaf għaliex qed ikun ippreparat dokument għall-Kunsilli kollha iżda jrid ikun hemm l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti. Il-Kunsill ser jistenna struzzjonijiet mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**58.11 Impjieg ta' skrivan/a full-time**

58.11.1 L-iskrivana li kienet mislufa mill-Iskema Community Workers Scheme Enterprise Foundation talbet sabiex tmur taħdem xi mkien ieħor. Hija ngħatat ir-*release* hekk kif din ġiet mitluba. Għaldaqstant, il-Kunsill ser joħroġ sejħa għal skrivan/a *full-time* skala 15 immedjatament.

**58.13 Approvazzjoni tar-rapport tal-bord ta' aġġudikazzjoni dwar sejħiet**

58.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapporti tal-bord tal-aġġudikazzjoni dwar dawn is-sejħiet:

- *Tender Ref: MXR/EU/03/2018 - Tender for the Restoration of Ix-Xlendi Coastal Tower using Environmentally Friendly Materials;*
- *Tender Ref: MXR/EU/04/2018 - Service Tender for a Project Manager in relation to the rehabilitation of Ix-Xlendi Tower.*

Dawn l-offerti ma ngħatawx għaliex għall-offerta Tender Ref: MXR/EU/03/2018 ma applika ħadd filwaqt li għall-offerta Tender Ref: MXR/EU/04/2018 kienu applikaw ħamsa iżda l-offerti kienu *over-budget* jew ma kellhomx il-kwalifiki meħtieġa. Dawn is-sejħiet ser jerġgħu joħorġu.

**58.14 Proposta għall-permess ta' żvilupp PA2406/18**

58.14.1 Meta sar il-*hearing*, numru sabiħ ta' residenti tal-Munxar flimkien mal-membri tal-Kunsill attendew għal dan il-*hearing*. Din il-proposta ġiet irrifjutata.

**58.15 Fondi tal-EU għal restawr tat-Torri tax-Xlendi (ERDF.PA5.0120)**

58.15.1 Peress li għall-offerta tar-restawr ma kien applika ħadd, il-Kunsill kien ser jikteb lill-PPCD dwar id-*disbursement* li suppost irid isir sal-aħħar ta' Diċembru 2018.

**58.16 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv**

58.16.1 Ma kienx hemm rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għaliex ma saret l-ebda laqgħa.

**58.17 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-ħlasijiet**

58.17.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Iskeda tal-Ħlasijiet numru 58-2018(05_11_18) li tkopri l-perjodu mit-13 ta' Settembru 2018 sal-5 ta' Novembru 2018 għall-ammont totali ta' €31,733.81 għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni. Il-Proponent kien is-Sur Damien Spiteri – Kunsillier u s-Sekondat kien is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier.
Din l-iskeda tal-ħlasijiet ġiet approvata.

**58.18 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

58.18.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.45 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 12 ta' Novembu 2018 u fil-5.30 ta' filgħaxija sabiex titkompla bl-istess Aġenda.

Konfermati, illum 16 ta' Jannar, 2019

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Sonja Abela<br>Sindku | Anthony Grech<br>Segretarju Eżekuttiv |